**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 6 ta' Ottubru, 2015**

**Rikors numru:- 2/2015 JVC**

**Carmel Sciberras fil-kwalita' tieghu ta' werriet universali tal-mejta Mary Jane Sciberras**

**Vs**

**John Mary u Grace konjugi Sciberras u Franco Sciberras**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur ppremetta:-

1. Illi bis-sahha ta' kuntratt datat sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar 1996 pubblikat fl-atti tan-Nutara Mariosa Grech (***Dokument A***), l-intimati John Mary u Grace konjugi Sciberras kienu kisbu minghand l-Awtorita' tad-Djar b'titolu ta' enfitewsi perpetwa porzjon art tal-kejl ta' cirka mitejn u tmienja u ghoxrin metri kwadri (228m.k.) fix-Xewkija, Ghawdex fl-inhawi maghrufa bhala "Tal-Barmil" konfinanti min-nofsinhar ma' Triq in-Naggara, Xewkija u mill-irjieh l-ohra kollha ma' beni tal-Awtorita' tad-Djar jew is-successuri taghha fit-titolu, indikata ahjar bhala Plot numru wiehed u hamsin (51) fuq pjanta tranzunta ma' Att tan-Nutar Hilary Grech tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru 1992. Ic-cens gravanti l-istess art kien gie mifdi b'kuntratt pubblikat wkoll fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar 1996 fl-atti tan-Nutara Mariosa Grech (***Dokument B)***. Fuq din il-porzjon art eventwalment gie zviluppat fond ossia dar ta' abitazzjoni, li llum huwa maghruf bin-numru 51, Triq in-Naggara, Xewkija, Ghawdex;

2. Illi l-intimati John Mary u Grace konjugi Sciberras kienu gia' s-sidien ta' plot ohra fil-Qala, liema plot kienet giet mghoddija lill-intimata Grace Sciberras mill-membri tal-familja taghha;

3. Illi fit-termini tal-kuntratt tal-akkwist li l-intimati konjugi Sciberras ikkonkludew mal-Awtorita' tad-Djar, huma riedu jlestu l-bini fuq il-plot akkwistat minnhom fix-Xewkija entro tliet snin u tliet xhur mill-hrug tal-permessi tal-bini[1], altrimenti l-intimati konjugi Sciberras kienu sejrin jinkorru penali fil-gimgha;

4. Illi l-intimati konjugi Sciberras kienu ndecizi dwar jekk jizviluppawx ir-residenza taghhom fil-plot tal-Qala jew inkella dik tax-Xewkija. Eventwalment pero' l-intimati konjugi Sciberras ghazlu l-plot tal-Qala u tilfu l-interess f'dik tax-Xewkija. Stante li l-izvilupp fil-plot tax-Xewkija kellu jsir entro z-zmien stabbilit fil-kuntratt, l-intimati konjugi Sciberras ma setghux jizviluppaw zewg *plots* f'daqqa minhabba limitazzjonijiet finanzjarji taghhom. Stante wkoll li ma seta' jsir l-ebda trasferiment tal-plot tax-Xewkija lil terzi qabel jghaddi l-perjodu ta' ghaxar snin, Mary Jane Sciberras u l-intimati konjugi Sciberras kienu waslu fi qbil sabiex il-plot tax-Xewkija tigi zviluppata a spejjez ta' Mary Jane Sciberras, b'dan illi hekk kif jghaddi l-perjodu ta' ghaxar (10) snin l-istess plot tigi trasferita ghal fuq isem l-istess Mary Jane Sciberras mill-intimati konjugi Sciberras;

5. Illi in segwitu ghal dan il-ftehim verbali, inbeda l-izvilupp fuq il-plot numru wiehed u hamsin (51), Triq in-Naggara, Xewkija, Ghawdex, liema zvilupp sar interament a spejjez tal-istess Mary Jane Sciberras. Fil-fatt l-intimati konjugi Sciberras kienu jgibu l-kontijiet tax-xoghol li kien qieghed isir u Mary Jane Sciberras kienet thallas il-kontijiet li kienu jigu prezentati lilha. In oltre l-istess Mary Jane Sciberras kienet halset ic-cens gravanti l-proprjeta' kif wkoll halset l-ispejjez u l-ammont kollu in konnessjoni mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-kostituzzjoni tac-cens kif wkoll il-kuntratt ghall-fidi tal-istess cens;

6. Illi l-ftehim milhuq bejn Mary Jane Sciberras u l-intimati konjugi Sciberras kien gie redatt bil-miktub permezz ta' skrittura datata dsatax (19) ta' Gunju 1997 (***Dokument C***) maghmula bejn Mary Jane

[1] Klawsola 3(b) tal-Kuntratt tas-26 ta' Jannar 1996 (Dokument A)

Sciberras fuq naha wahda u mill-intimati John Mary u Grace konjugi Sciberras min-naha l-ohra. Il-partijiet kienu ddikjaraw bl-aktar mod car li *"Mary Jane Sciberras bniet bi flusha u bi spejjez taghha l-benefikati kollha li hemm ezistenti sal-lum fuq il-plot hawn taht imsemmija u cioe' kantina u zewg sulari sovrastanti l-istess kantina sal-istat ta' gebel u saqaf"*. Il-partijiet iddikjaraw wkoll li Mary Jane Sciberras kienet l-unika sid u proprjetarja tal-plot, 51, Triq in-Naggara, Xewkija, Ghawdex u li l-art u l-benefikati ta' fuqha jappartejnu lill-istess Mary Jane Sciberras;

7. Illi fl-istess kitba l-partijiet kienu ftehmu li hekk kif ikun possibbli u meta jigu hekk mitluba minn Mary Jane Sciberras, l-intimati konjugi Sciberras kellhom jersqu sabiex jittrasferixxu a favur tal-istess Mary Jane Sciberras l-istess immobbli minghajr ma jkun pagabbli lilhom kwalsiasi hlas;

8. Illi Mary Jane Sciberras permezz ta' ittra ufficjali datata sittax (16) ta' Frar 1999 kienet interpellat lill-intimati konjugi Sciberras sabiex jaddivjenu ghat-twettiq tal-obbligi taghhom skont l-iskrittura tas-19 ta' Gunju 1997 (***Dokument D***). Gara pero` li hekk kif gew notifikati bl-istess ittra ufficjali, l-intimati konjugi Sciberras kienu iddonaw lil binhom l-intimat Franco Sciberras l-fond 51, Triq in-Naggara, Xewkija, Ghawdex u dan permezz ta' kuntratt datat sbatax (17) ta' Frar 1999 pubblikat fl-atti tan-Nutar Silvio Hili (***Dokument E***);

9. Illi in segwitu ghal dan it-trasferiment, l-attrici Mary Jane Sciberras kienet ipprocediet b'kawza kontra l-intimati odjerni, citazzjoni numru 136/1999 Mary Jane Sciberras vs Franco Sciberras et sabiex hija tottjeni:

   a) dikjarazzjoni li l-kuntratt konkluz bejn l-intimati konjugi Sciberras u Franco Sciberras nhar is-17 ta' Frar 1999 fl-Atti tan-Nutar Silvio Hili kien null u minghajr ebda effett stante li dan sar bi frodi tad-drittijiet u sabiex jigu lezi l-istess d-drittijiet taghha;

   b) dikjarazzjoni li skont il-kitba tas-19 ta' Gunju 1997 l-intimati konjugi Sciberras kienu obbligati jaddivjenu ghat-trasferiment tal-istess fond favur Mary Jane Sciberras u dan kif pattwit fl-istess kitba;

c) kundanna sabiex il-konvenuti konjugi Sciberras jersqu ghall-Att pubbliku li permezz tieghu jigi trasferit l-fond numru 51, Triq in-Naggara, Xewkija, Ghawdex a favur tal-istess Mary Jane Sciberras f'data, hin u lok li jigi ffissat mill-Qorti u okkorrendo bl-intervent ta' kuraturi li jinhatru sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess Att;

10. Illi b'sentenza datata ghaxra (10) ta' Marzu 2010 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali cahdet it-talbiet ta' Mary Jane Sciberras stante li l-Ewwel Qorti qieset li l-iskrittura tas-19 ta' Gunju 1997 li kienet saret bejn l-istess Mary Jane Sciberras u l-intimati konjugi Sciberras kienet nieqsa minn kundizzjoni vitali ta' natura fiskali sabiex tali skrittura tkun tista' titqies bhala konvenju validu li tieghu tista' tintalab l-ezekuzzjoni u ghaldaqstant it-talbiet ta' Mary Jane Sciberras ma setghux jirnexxu, salv u mpregudikat pero' kwalunkwe dritt talvolta spettanti lilha sabiex tirkupra dak li hu dovut lilha minghand il-konvenuti. Kopja tad-decizjoni hija annessa u markata bhala ***Dokument F***;

11. Illi Mary Jane Sciberras appellat minn din is-sentenza. Hija pero' mietet fil-mori ta' dan l-appell. Mary Jane Sciberras irregolat il-wirt u s-successjoni taghha bis-sahha ta' testment datat tlieta (3) ta' Gunju 2009 pubblikat fl-atti tan-Nutara Joanne Cauchi (***Dokument G***). Bis-sahha ta' dan it-testment Mary Jane Sciberras innominat bhala eredi universali taghha lil huha Carmelo Sciberras, ir-rikorrent odjern. Kopja tad-denunzja li l-esponenti ghamel fit-12 ta' Awissu 2013 fl-atti tan-Nutar Joanne Cauchi kif wkoll kopja tar-ricerki tat-testmenti pubblici u sigrieti qeghdin annessi u markati bhala ***Dokument H***;

12. Illi bis-sahha ta' sentenza moghtija fil-31 ta' Jannar 2014, il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell interpost minn Mary Jane Sciberras u kkonfermat is-sentenza appellata (***Dokument I***);

13. Illi r-rikorrent Carmelo Sciberras jixtieq li fil-kwalita' tieghu ta' eredi ta' ohtu Mary Jane Sciberras jigbor il-flus kollha li ohtu kienet harget minn butha sabiex seta' sar l-izvilupp fuq il-plot bin-numru wiehed u hamsin (51), Triq in-Naggara, Xewkija, Ghawdex;

14. Illi in oltre l-intimati arrikkew ruhhom indebitament minn fuq Mary Jane Sciberras ghaliex oltre l-ispejjez erogati fil-benefikati li saru a spejjez ta' Mary Jane Sciberras, il-proprjeta' tal-intimati awmentat fil-valur taghha bhala konsegwenza diretta tal-izvilupp li sar fiha frott tal-investiment li sar minn Mary Jane Sciberras;

15. Illi minkejja li l-intimati gew debitament interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-ammonti dovuti minnhom ghar-ragunijiet fuq premessi permezz ta' ittra ufficjali numru 85 /2014 datata 24 ta' Frar 2014 huma baqghu nadempjenti (***Dokument J***);

Talbet li din il-Qorti:

(a) Tiddikjara illi Mary Jane Sciberras halset ghall-izvilupp kollu li sar fuq il-plot bin-numru wiehed u hamsin (51), Triq in-Naggara, Xewkija, Ghawdex kif wkoll ghall-ispejjez kollha b'rabta mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-kostituzzjoni tac-cens kif ukoll b'rabta mal-kuntratt ta' fidi tal-istess cens;

(b) Tillikwida l-ammont li thallas mill-istess Mary Jane Sciberras;

(c) Tordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti Carmel Sciberras fil-kwalita' tieghu ta' eredi universali tal-mejta Mary Jane Sciberras l-ammont hekk likwidat;

(d) Tiddikjara li, oltre l-ispejjez erogati fil-benefikati li saru a spejjez ta' Mary Jane Sciberras, il-proprjeta' taghhom l-intimati awmentat fil-valur taghha bhala konsegwenza diretta tal-izvilupp li sar fiha frott tal-investiment li sar minn Mary Jane Sciberras, u ghalhekk l-intimati arrikkew ruhhom indebitament bi pregudizzju tal-istess Mary Jane Sciberras;

(e) Tiddikjara li l-arrikkiment indebitu kien jikkonsisti fid-differenza bejn il-valur tal-art originali u l-valur tal-izvilupp komplet u dan wara li jitnaqqsu l-ispejjez minfuqa fil-benefikati minn Mary Jane Sciberras;

(f) Tillikwida l-valur tal-arrikkiment indebitu;

(g) Tordna lill-intimati jhalsu lil Carmel Sciberras fil-kwalita' tieghu ta' eredi universali tal-mejta Mary Jane Sciberras l-ammont hekk likwidat fit-termini tal-paragrafu precedenti;

(h) Tordna lill-intimati jhalsu lil Carmel Sciberras fil-kwalita' tieghu ta' eredi universali tal-mejta Mary Jane Sciberras l-interessi dovuti fuq l-ammonti likwidati fit-talbiet (b) u (f) mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali numru 85/2014 datata 24 ta' Frar 2014 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-intimati u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huma msejha.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti fejn ikkonfermaw:-

1. Illi ghal din il-kawza **hemm l-ostaklu tal-gudikat** li skont id-dottrina u l-gurisprudenza pacifika, anke dik Maltija, dan joqtol id-diskussjoni mhux biss ta' dak li gie effettivament diskuss fl-ewwel kawza, imma wkoll dak li messu jew seta' gie diskuss fl-ewwel kawza, imma wkoll dak li messu jew seta' gie diskuss kif ukoll dak li kien necessarjament involut:

> *Illi qabel ma' l-Qorti tqis dawn iz-zewg pozizzjonijiet, tosserva li gie wkoll ghadd ta' drabi mfisser li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, **imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss** u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha nteress li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-motivi tal-causa petendi fit-tieni procediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat.*
>
> *Gie affermat illi hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anki meta l-meritu tal-kaz, ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta' qabel, jifforma parti mill-istess haga jekk il-punt kontrovers ikun l-istess **(Vol. XXX P I p 131; "Dr. Jose' Herrera nomine –vs- Anthony Cassar et nomine"**, Appell Kummerc, 5 ta' Ottubru 1992).*[2]

Kif inhu saput, it-tliet elementi tal-gudikat huma li jkun hemm l-istess partijiet fil-kawza ta' qabel, tkun qeghdha tintalab l-istess haga, u li jkun hemm l-istess kawza.

[2] Borg Anthony v Willoughby Anthony Francis 28.03.2003 PA(PS)

L-*eadem persona* titratta l-limiti soggettivi tal-gudikat u tikkonsisti filli jigi accertat fil-konfront ta' min joperaw l-effetti tas-sentenza. L-*eadem res u l-eadem causa* jitrattaw invece l-limiti oggettivi tal-gudikat u jirrigwardaw x'hiex ikun kopert minn dawn l-effetti.

Jinghad qabel xejn li l-fenomenu tal-gudikat huwa wiehed ferm vast u kkumplikat u li thares lejh bl-ottika tal-identita' assoluta tal-precitati tliet elementi tkun qed titfa' lil dan l-istitut elfejn sena lura, ghar-regim tad-dritt Ruman li huwa ferm differenti mir-regim procedurali kontemporanju. Il-ġudikat jifrex l-effetti tieghu mhux biss meta jkun hemm l-identita' triplici fuq imsemmija – f'liema kaz it-tieni Qorti tkun assolutament impeduta milli tisma' t-tieni kawza – imma wkoll meta jkun hemm varjazzjoni tal-causa u/jew tat-talba imma fit-tieni kawza titqanqal kwistjoni li tkun diga' giet definita permezz tas-sentenza antecedenti bejn l-istess partijiet, f'liema kaz it-tieni Qorti ma tkunx impeduta milli tisma' l-kawza u taghti sentenza, imma tkun prekluza milli tiftah mill-gdid kwalunkwe kwistjoni li tkun giet dibattuta fl-ewwel process u deciza fl-ewwel sentenza; anzi tkun marbuta li timxi mal-ewwel statuwizzjoni fis-sentenza li eventwalment tigi biex tippronunzja – *La cosa giudicata osta che si sollevino questioni nuove assorbite dal giudicato diventato irrevocabile.* – **Coen, Rep. Coen Voce Cosa Giudicata Materia Civile.** Il-causa petendi m'hi xejn ghajr id-dritt innifsu li jigi nvokat. B'danakollu fil-prattika l-individwazzjoni tad-dritt xejn ma hija haga semplici, ghax jinhtieg jigu accertati l-fatti kostituttivi li jnissluh. Id-dritt ta' kreditu, bhalma huwa dak in kwistjoni, ma jistax jigi identifikat ghajr in virtu tal-fatt kostituttiv, per ezempju, il-mutwu, il-fatt illecitu, jew il-bejgh (bhalma huwa l-kaz prezenti).

Il-causa petendi hija l-fatt kostituttiv tal-azzjoni. L-azzjoni tinghazel permezz tal-fatt u mhux permezz tan-norma tal-ligi. Ghalhekk is-semplici tibdil mill-punto di vista guridiku fil-kaz fejn l-istess fatt jista' jolqot diversi normi tal-ligi ma jgibx azzjonijiet differenti. Bdil tal-punto di vista guridiku ma jevitax l-eccezzjoni tar-res judicata.

Il-causa hija fatt guridiku, ghalhekk anke meta jinbidel il-fatt semplici jew il-motiv sabiex jigi minnhom dedott l-istess fatt guridiku ma hemmx diversita' tal-azzjoni; m'hemmx tibdil tad-domanda; tipperdura l-eccezzjoni tar-res judicata.

Il-bdil tan-*nomen juris* ma jaghtix lok ghal process gdid, sakemm ma jkunx hemm ukoll bdil tal-fatt kostituttiv. Hekk jekk issir kawza li fiha jintalab it-thassir ta' kuntratt a bazi ta' qerq, ma tistax tingieb kawza ohra ghat-thassir tal-istess kuntratt a bazi ta' vjolenza morali, sakemm it-tieni talba ma tkunx ibbazata fuq fatt differenti mill-ewwel wiehed.

Tajjeb qalet il-Qorti tal-Appell ta' Catania 21.12.1898 li *il giudicato non viene meno per la diversita' dei motivi della causa petendi*.

Hekk ukoll, fil-kawza Maltija **Galea vs Dr Vassallo**, l-atturi mpunjaw digriet ta' dezerzjoni ghar-raguni li dak inhar tad-digriet l-atturi ma kellhomx l-obbligu li jidhru, ghax kienu fl-istadju fakoltattiv tar-replika. Fic-citazzjoni ziedu l-kliem "ghall-motivi premessi u ghall-motivi ohra skont il-ligi". Inghatat sentenza li cahdet it-talba. Saret kawza gdida fuq il-motiv li wiehed mill-atturi ma setax jattendi ghax kien marid – motiv li ma ssemma' qatt fl-ewwel kawza. Il-Qorti qalet li kien hemm ostaklu tal-gudikat, u xejn ma jiswa li jinghad li t-tieni raguni ma ssemmietx fl-ewwel kawza, u ccitat sentenza ohra li min-naha taghha ccitat sentenza tal-Qorti ta' Turin li qalet: *la cosa giudicata osta a che si sollevino quistioni nuove assorbite dal giudicato divenuto irrevocabile.* Infatti, kompliet tghid il-Qorti, huwa ntuwittiv li l-kawzi kienu jsiru nterminabbli kieku l-istess mertu jigi riapert ripetutament bl-iskuza ta' xi motiv gdid – precizament dak li qieghed jigri bil-kawza prezenti.

Chiovenda iqis l-azzjoni bhala s-setgha guridika li tintalab l-attwazzjoni tal-ligi, u per konsegwenza l-fatt kostituttiv tal-azzjoni jinstab fl-ezistenza ta' volonta' konkreta tal-ligi li trid tigi attwata kif ukoll fl-ezistenza ta' interess ghal din l-attwazzjoni bl-opra tal-organi pubblici. L-istess awtur jidentifika xi tkun il-causa fi tliet tipi ta' azzjonijiet u cioe' (a) l-azzjonijiet ta' kundanna (b) l-azzjonijiet kostituttivi u (3) l-azzjonijiet ta' accertament. Fl-azzjonijiet ta' kundanna, bhall-kawza prezenti, il-causa tal-azzjoni tkun l-ezistenza ta' dritt ghall-prestazzjoni u ghalhekk tirrisali ghall-fatt kostituttiv tal-istess dritt.

Il-gudikat ikopri mhux biss dak li effettivament gie mqanqal (u l-fatt tal-iskadenza fil-fatt gie mqanqal quddiem l-ewwel Qorti, anke jekk ma sarx l-appell), imma wkoll dak li messu gie mqanqal: **P.L Roberto Tabone vs Joseph Cannataci** – PA -06.03.1946- XXXII.ii.249. Kif inhu maghruf, *novum judicium non dat novum jus, sed declarat antiquum; quia judicium est juris dictum et per judicium jus est noviter relevatum quod diu fuit velatum.*

(10 Coke, 42). Imma n-novelta' aktarx flok tkun utli, spiss tohloq disturbazzjoni: *novitas non tam ulitate prodest quam novitate perturbat*.

Hu principju ricevut fil-gurisprudenza illi l-gudikat jikkomprendi anki dawk id-deduzzjonijiet li huma assorbiti bil-kwistjonijiet li gew irrevokabilment decizi bih; altrimenti l-principju tal-istabbilita' tal-gudikat jigi serjament kompromess – ara sentenza **PA Abela v Fenech** 28.02.1946 u sentenzi fiha citati fuq dan il-pont. Abela v Fenech ticcita wkoll lil Rep. Coen Cosa Giudicata Materia Civile para 319, 321, 322, 332:

*Contro la cosa giudicata non possono opporsi eccezioni che avrebbero dovuto elevarsi nel giudizio di merito con essa irretrattabilmente definito.*

*Di fronte all'autorita' della cosa giudicata non e' lecito riaprire la controversia fra le stesse parti e sul medesimo oggetto, nemmeno con eccezzioni che non fossero state proposte ed esaminate nel precedente giudizio.*

*L'autorita' di cosa giudicata e' costituita sia per le eccezioni proposte, sia per quelle non proposte, e che sarebbero state proprie di quelle sede di giudizio ove emano' la sentenza passata in giudicato. Jinghad ukoll fis-sentenza* ***'Antonio Dagri vs Emanuele Dingli'*** *(Ap.27 ta' April 1953) u cioe li 'hu pacifiku li l-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni, kien missha, jw setghet giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess'.*

Il-gudikat jassorbixxi mhux biss eccezzjonijiet li setghu tqanqlu, imma anke talbiet jew motivi fic-citazzjoni. Hekk jinghad fis-sentenza **'Carmelo Camilleri vs Spiru D'Amato'** (Ap. 2 ta' Marzu 1956 – XL. I. 65) *'li ma jistax ikun lecitu lill-appellant li jerga' jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija decizjoni precedenti, billi jgib 'il quddiem ragunijiet jew provi li kien jaf bihom, u li seta' u messu jgib fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma ghamilx hekk 'imputet sibi'; u l-imsemmija sentenza tal-15 ta' Gunju 1955 ma tistax tigi njorata u mqeghda fil-genb ghar-ragunijiet pre-ezistenti ghall-prolazzjoni taghha, allegati serotinament'.* L-istess gie ritenut fis-sentenza 'Carmelo Panzavecchia vs Constantino Caruana' – 11 ta' Gunju 1956 – XLB. 1. 555) kif ukoll fil-kawza Francesco Grima vs Maggur Castillo noe – 11.11.1957 – Appell Superjuri – L Camilleri, W Harding, AJ Montanaro Gauci – XLI.i.528.

Illi kieku wiehed kellu jasal ghall-konkluzjoni illi l-gudikat jista', minbarra bir-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni, jigi maghmul ineffikaci b'eccezzjonijiet godda, bazati fuq fatti li gja kienu jezistu, allura l-principju tal-istabbilita' tal-gudikat jigi serjament kompromess. Hekk per ezempju, f'kawza fejn gie kanonizzat kreditu b'sentenza li saret *res judicata* id-debitur jista' jkollu t-tentazzjoni li jipprova jinnewtralizza l-gudikat billi jiddeduci, f'kawza posterjuri, illi l-kawzali tad-debitu kienet illecita – eccezzjoni li kien messu u li seta' gieb, fil-kawza tal-ewwel. Gie ghalhekk korrettement ritenut fil-gurisprudenza estera illi *dopo che con sentenza passata in giudicato fu accertato il debito di una somma determinata, e fu pronunziata la condanna al pagamento, mon puo' piu' sostenersi che il debito deriva da cessione di rendita pubblica a prezzo superiore al valore di borsa e debba quindi ridursi a somma minore attesa l'usura d cui sarebbe infetto* (Coen loc cit para 421).

Wara li sentenza tkun ghaddiet f'gudikat, m'humiex iktar ammissibbli eccezzjonijiet godda li jkollhom l-iskop li jiddistruggu jew jirrestringu l-gudikat. Ir-regola *tantum judicatum quantum discussum* tipprocedi biss fis-sens li wara l-gudikat jistghu jigu proposti, diskussi u ammessi eccezzjonijiet godda li jkunu konciljabbli mal-gudikat. Il-gudikat josta li jigu sollevati kwistjonijiet godda assorbiti mill-gudikat li jkun sar irrevokabbli.

Jinsab ukoll dottrinalment u gudizzjarjament ricevut illi l-*eadem res* u l-*eadem causa petendi* ma jirrigwardax l-argument jew il-pozizzjoni legali *per se* imma l-fatti sottostanti. Hekk per ezempju wiehed ma jistax jiftah kawza biex jattakka testament minhabba nuqqas ta' formalita' nghidu ahna nuqqas tal-firma ta' xhud imbaghad wara li jitlifha jiftah kawza ohra a bazi tan-nuqqas ta' kapacita mentali u ntellettwali tat-testatur. Altrimenti l-kawzi jimmultiplikaw *ad eternum* u ma jispiccaw qatt.

F'dan il-kaz m'hemmx dubbju li din it-tieni kawza tirrigwarda l-istess fattispecje tal-ewwel kawza, ossia parti minnhom: fl-ewwel kawza giet mitluba l-proprjeta' bil-benefikati; issa qeghdin jigu mitluba – effettivament – l-istess benefikati.

Illi dan it-taghlim gie mfisser u mtenni wkoll b'mod car hafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Mejju, 1967 fil-kawza fl-ismijiet

*Grima vs Fava et* li ghaliha u r-rassenja ta' gurisprudenza msemmijin fiha ssir riferenza[3]

2. Illi Franco Sciberras m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-attur u ghaldaqstant ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju stante li **ma huwiex il-legittimu kontradittut.**

3. Illi **selecta una via non datur recursus ad alteram.** Gialadarba l-attur jew l-awtrici tieghu fit-titolu ghazlu li jifthu kawza biex jigi assenjat lilhom il-post li allegatament inbena a spejjez ta' Mary Jane Sciberras, ma jistghux issa jmorru fid-direzzjoni opposta, jghidu li l-post mhux taghhom (kuntrarjament ghal dak li qalu fl-ewwel kawza) u jitolbu l-ispejjez.

4. Illi bla pregudizzju ghal dak li sejjer jigi sottomess fil-paragrafi sussegwenti ghal dan, **it-talbiet tal-attur fir-rikors guramentat huma konfuzi** billi jitolbu l-istess haga ghal darba, darbtejn, tlieta. Ghalhekk ir-rikors guramentat huwa null billi r-raguni u l-oggett tat-talba mhumiex cari. Talbiet (b) u (c) jesigu likwidazzjoni u hlas tal-kapital allegatament sburzat mill-awtrici tal-attur. Talbiet (d) sa (h) jesigu likwidazzjoni u hlas ghall-allegat arrikkiment ingust. Skont il-principji dottrinali u gurisprudenzjali regolanti dan l-istitut fiz-zmien tal-arrikkiment (ghax dak iz-zmien ma kienx hemm norma specifika legislattiva fir-rigward; din iddahhlet fit-2007) il-persuna mpoverita tiehu lura l-izghar somma bejn (fil-kaz ta' sburzament ta' somma flus) is-somma minnha mahruga u l-awment fil-valur li l-arrikkit ikun gawda b'effett tal-kontribut finanzjarju tal-impoverit. Kwindi kieku kellhom jintlaqghu t-talbiet (b) u (c) kif ukoll (d) sa (g), jigi li l-attur jigi "kkumpensat" darbtejn ghall-istess haga. L-attur seta' ghazel li jaghmel talbiet (b) u (c) jew (d) sa (g) izda ma setax jaghmilhom flimkien. *Selecta una via non datur recursus ad alteram*. Kif inhu notorjament maghruf, konvenut jista' jiddefendi ruhu b'iktar minn difiza wahda, b'wahda sussidjarja ghall-ohra anke jekk dawk ikunu mutwalment konfliggenti (basta ma jkunux jinvolvu fatti konfliggenti kkonfermati bil-gurament); izda dan ma jistax jaghmlu l-attur. L-attur ma jieqafx hawn. Fit-talba (h) jesigi hlas tal-imghax fuq l-ammonti da likwidarsi f'talbiet (b) u (f) mid-data tal-ittra ufficjali li baghat qabel il-kawza. Kif inhu maghruf, l-imghax fuq ammont mhux likwidat jghaddi biss mid-data tas-sentenza.

[3] Agius Joseph v Fenech Maria – Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' 23.11.2009.

Imma apparti dan, skont il-Kodici Civili taghna, l-imghax huwa l-uniku kumpens li jista' jinghata ghat-telf ta' disponibilita' ta' somma flus. Fir-rikors guramentat tieghu, l-attur qieghed jitlob zewg tipi ta' kumpens: l-imghax u l-ammont ta' zieda fil-partimonju tal-arrikkit li sehh permezz tal-investiment tal-istess somma flus.

5. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra li qed jigu mressqin, fl-azzjoni tal-arrikkiment ingust l-attur **mhux intitolat ghall-arrikkiment kollu li jista' jsehh, imma ghandu dritt biss ghar-rimbors ta' dak li jkun hareg, sal-limitu tal-arrikkiment**. Cjoe' jekk hareg mitt euro, u jkun hemm arrikkiment ta' elf euro, huwa jiehu mitt euro. Jekk hareg mitt euro u l-arrikiment huwa tmenin euro, huwa jiehu tmenin euro. Dan tghidu anke l-ligi kif giet introdotta fil-Kodici Civili wara arrikkiment li qed jigi allegat li sehh f'din il-kawza.[4]

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghal dak li sejjer jigi eccepit fil-paragrafi sussegwenti, il-parti tar-rikors guramentat ibbazata fuq l-allegat arrikkiment ingust hija mprobonibbli stante li l-flus allegatament investiti saru **bi ftehim** u ghalhekk l-attur ghandu azzjoni ohra disponibbli ghalih skont il-ligi - dik *ex contractu*. Ghalhekk ma jistax jirrikorri mill-ewwel ghall-*actio de in rem verso* li **hija azzjoni sussidjarja**, disponibbli biss kemm-il darba ma jkunx hemm azzjoni alternattiva *ex contractu* jew *ex delicto* ossia *quasi-delicto.*

7. Illi bla pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe flus li l-awtrici tal-attur setghet investiet **kienu maghmulin fl-interess taghha stess** u cjoe' fi proprjeta' li kienet tippretendi li hi taghha **u mhux ta' haddiehor** u dan il-fatt ukoll jeskludi l-possibilita' ta' talba ghall-arrikkiment ingust.

8. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, **il-causa bazi tar-rikors guramentat hija wahda llecita u llegali**, in kwantu l-awtrici tal-attur kienet – almenu skont kif l-attur stess qed jallega – qeghdha tinqeda bil-

---

[4] Arrikkiment ghad-dannu ta' haddiehor. Actio de in rem verso.Mizjud: VIII.2007.13.

**1028A.** (1) Min, minghajr kawza gusta, jarrikixxi ruhu ghad-dannu ta' haddiehor ghandu fil-limiti tal-arrikkiment ihallas lura u jikkumpensa ghal kull tnaqqis patrimonjali li setghet sofriet dik il-persuna.

(2) jekk l-arrikkiment huwa oggett determinat, dak li rcevih hua marbut li jaghti lura l-oggett in natura jekk dan ikun ghadu jezisti fil-mument tat-talba.

**1028B:** L-actio de in rem verso ma tistax tigi ezercitata meta min sofra t-telf jista' juza azzjoni ohra sabiex taghmel tajjeb ghad-dannu.

konvenut bhala *prestanome* biex takkwista art tal-Gvern li hija ma kinitx intitolata ghaliha. L-allegat investiment taghha f'din l-art kien ghalhekk ukoll intiz biex hija tkun tista' takkwista din l-art (ghax jekk ma jsirx il-bini ma kinitx tista' tigi akkwistata l-art). Min ikollu jdejh mahmugin, ma jistax jiehu vantagg mill-"hazen" tieghu stess: *nemo auditor propriam turpitudinem allegans*. Hemm principju iehor: *ubi et dantis et accipientis turpitude versatur, non posse repeti dicimis* – hadd ma jista' jitlob lura dak li jkun hallas meta miz-zewg partijiet ikun hemm komportament negozjali kontra l-ligi kontra l-bwon kostum.

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet kollha huma **preskritti ghat-tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.**

10. Illi fi kwalunkwe kaz il-konvenuti **m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur.**

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt jekk ikun il-kaz.

Ghalhekk it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez a karigu tieghu. L-attur minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi permezz tal-verbal datat 11 ta' Marzu, 2015 il-partijiet qablu li fl-ewwel lok jigu trattati l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba u d-disa' eccezzjoni mqajma mill-konvenuti.

Rat l-atti tal-kawza numru 136/1999 fl-ismijiet Mary Jane Sciberras vs. Franco Sciberras et u tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 3/2015 fl-istess ismijiet odjerni kif ukoll l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 89/00 fl-ismijiet Mary Jane Xiberras vs. Franco Xiberras et li bi qbil bejn il-partijiet jew b'ordni tal-Qorti fil-kaz tal-mandat 89/00 gew annessi mal-process odjern.

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Mejju, 2015 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum fuq l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba u d-disa' eccezzjoni mqajjma mill-konvenuti bil-fakulta' lill-partijiet li jipprezentaw noti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat**

Rat is-sentenza bin-numru 135/1999 PC fl-ismijiet **Mary Jane Sciberras vs. Franco Sciberras u John Mary Sciberras u martu Grace Sciberras** deciza nhar l-10 ta' Marzu, 2010 (u konfermata fl-appell) fejn f'dik il-kawza l-attrici llum rapprezentata mill-eredi taghha Carmel Sciberras talbet li jigi annullat kuntratt li bih il-konvenuti konjugi Sciberras iddonaw lil binhom il-konvenut l-iehor Franco Sciberras il-fond li llum igib l-indirizz 51, Triq in-Naggara, Xewkija, Ghawdex u dan ghar-raguni li l-istess kuntratt allegatament sar bi frodi ghad-dritt tal-attrici li kienet qed tippretendi li l-istess fond jigi trasferit lilha, bis-sahha ta' skrittura privata li kienet saret fid-19 ta' Gunju 1997. Konsegwentement talbet li gialadarba jigi annullat dan il-kuntratt, il-konjugi Sciberras jigu ordnati jitrasferixxu l-istess fond lilha. Il-konvenuti kkontestaw it-talbiet ghal bosta ragunijiet kif elenkati fl-istess decizjoni.

Illi l-fatti ta' x'sehh bejn il-partijiet qabel inghatat din id-decizjoni huma ampjament spjegati fl-istess decizjoni kif isegwi (ara fol. 28 tal-process odjern):

'Gara illi permezz ta' kuntratt in atti Nutar Mariosa Grech tas-26 ta' Jannar 1996, il-konvenuti konjugi Sciberras kienu akkwistaw *plot* fil-Home Ownership Scheme fil-lokalita' maghrufa "tal-barmil" limiti tax-Xewkija, Ghawdex, minghand l-Awtorita' tad-Djar. L-attrici ssostni illi dan l-akkwist kien sar fl-interessi taghha, peress illi hija, billi kienet xebba, ma setghetx dakinhar takkwista din il-*plot* f'isimha, billi l-iskema ta' l-Awtorita' tad-Djar ghall-*plots* fl-inhawi kienet miftuha biss ghall-mizzewgin u l-gharajjes (*Nota tal-Qorti odjerna: fil-kaz odjern din il-verzjoni tvarja fis-sens li jinghad li kien wara li nxtara l-plot li kien hemm il-ftehim bejn il-partijiet li x-xoghlijiet isiru bi spejjez u f'interess l-attrici ghaliex il-konvenuti ghazlu li jizviluppaw plot ohra)*. Tkompli tghid illi sabiex jigu salvagwardati l-interessi taghha, u peress illi l-ispejjez kollha sabiex tinbena dar fuq din il-*plot* kienu gew zborsati minnha, giet iffirmata skrittura quddiem l-istess nutar fid-19 ta' Gunju 1997, li permezz taghha l-konjugi Sciberras intrabtu li jdawru l-propjreta' ta' l-istess *plot* ghal fuqha, malli jkun possibbli li jsir dan it-trasferiment u jigu miltuba minnha biex jaghmlu hekk. Infatti l-attrici nterpellathom permezz ta' ittra ufficcjali tas-16 ta' Frar 1999 sabiex jersqu ghat-twettieq ta' l-obbligi minnhom assunti bl-istess skrittura, imma l-konjugi Sciberras minflok

ma ghamlu dan, l-ghada stess ittrasferew l-istess *plot* ghal fuq binhom il-konvenut l-iehor permezz ta' att ta' donazzjoni.'

Illi l-konkluzjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza msemmija kienet kif isegwi:

'Ghal dawn il-motivi, u peress illi l-ftehim imsemmi fic-citazzjoni tad-19 ta' Gunju 1997 bejn l-attrici min-naha u l-konvenuti konjugi Sciberras min-naha l-ohra, jonqsu kundizzjonijiet vitali ta' natura fiskali, sabiex ikun jista' jitqies bhala konvenju validu li tieghu tista' tintalab l-ezekuzzjoni, it-talbiet ta' l-attrici ma jistghux jirnexxu u ghalhekk qed jigu michuda, salv u mpregudikat pero' kwalunkwe dritt talvolta spettanti lilha sabiex tirkupra dak li hu dovut minghand il-konvenuti.

L-ispejjez, fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz, ghandhom jibqghu bla taxxa.'

Din id-decizjoni giet konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza datata 31 ta' Jannar, 2014 (ara fol. 51 tal-process).

Konsegwentement ghas-suespost, u stante l-premorjenza tal-attrici Mary Jane Sciberras, l-attur odjern fil-vesti ta' eredi ta' ohtu ntavola l-kawza odjerna kontra l-istess konvenuti bl-ghan li jigbor il-flus kollha li ohtu kienet harget minn butha sabiex sar l-izvilupp fuq il-fond in kwistjoni, l-allegat arrikkiment indebitu li ghamlu l-konvenuti minn fuq l-investiment ta' Mary Jane Sciberras li ghen sabiex din tawmenta fil-valur u l-interessi.

Nonostante li l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficcjali bin-numru 85/2014 datata 24 ta' Frar, 2014 (fol. 52) huma baqghu nadempjenti u ghalhekk giet intavolata din il-kawza.

Il-konvenuti ressqu bosta eccezzjonijiet fil-konfront tat-talbiet attrici kif isegwi (1) ir-res judicata; 2i) li Franco Sciberras mhux il-legittimu kontradittur; (3) li *selecta una via non datur recursum ad alteram*; (4) in-nullita' tal-azzjoni attrici stante li t-talbiet fir-rikors guramentat huma konfuzi; (5) li l-attur mhux intitolat ghall-arrikiment kollu li jista' jsehh imma ghandu dritt biss ghar-rimbors ta' dak li jkun hareg sal-limitu tal-arrikiment; (6) li l-azzjoni ghall-hlas tal-arrikiment ingust hija mproponibbli stante li l-flus allegatament investiti saru bi ftehim u

allura l-attur kellu azzjoni *ex contractu* fil-konfront tal-intimati u mhux l-azzjoni sussidjarja tal-*actio de rem in verso;* (7) li ll-flus li l-awtrici fit-titolu tal-attur investiet kienu maghmulin fl-interess taghha stess u mhux ta' haddiehor; (8) il-causa bazi tar-rikors guramentat hija wahda llecita u llegali; (9) l-azzjoni tal-attur hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u finalment (10) li l-intimati m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur.

Illi fis-seduta tal-hdax (11) ta' Marzu 2015, il-partijiet qablu li qabel xejn kellhom jigu trattati l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u d-disa' eccezzjonijiet stante li dawn huma eccezzjonijiet ta' natura preliminari u cioe':

1. Ir-Res Judicata;

2. In-nuqqas ta' relazzjoni guridika tal-intimat Franco Sciberras;

3. Illi *selecta una via non datur recursum ad alteram*;

4. In-nullita' tal-azzjoni attrici stante li t-talbiet fir-rikors guramentat huma konfuzi;

u

9. Li l-azzjoni tal-attur hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u cioe' bil-perjodu ta' hames snin.

**<u>L-ewwel eccezzjoni tar-Res Judicata u t-tielet eccezzjoni *selecta una via non datur recursum ad alteram*:</u>**

Illi l-Qorti tqis li stante l-fatt li l-partijiet stess tista' tghid trattaw iz-zewg eccezzjonijiet kontestwalment, dawn iz-zewg eccezzjonijiet jistghu jigu trattati flimkien.

Illi fost il-hafna sottomissjonijiet tal-konvenuti kemm fl-eccezzjonijiet (*fejn din il-Qorti ssostni li ma kienx lokhom stante li jservu biss sabiex jikkonfondu l-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti*) kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom huma jibbazaw din l-eccezzjoni fuq il-fatt li bejn il-partijiet gia nghatat decizjoni relatata mal-pretensjonijiet tal-attur relatati mal-fond imsemmi liema decizjoni gia giet msemmija aktar 'il fuq. Il-konvenuti jsostnu li l-ostaklu tal-gudikat joqtol id-diskussjoni

mhux biss ta' dak li gie effettivament diskuss fl-ewwel kawza izda wkoll dak li messu jew seta' gie diskuss kif ukoll dak li kien neccessarjament involut.

Il-konvenuti jkomplu fl-eccezzjoni taghhom sabiex jindikaw li t-tliet elementi tal-gudikat huma (1) li jkun hemm l-istess partijiet fil-kawza ta' qabel, (2) tkun qeghdha tintalab l-istess haga u (3) li jkun hemm l-istess causa.

Il-konvenuti jsostnu li din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha stante li skont huma din l-istess kawza tirrigwarda l-istess fattispecje tal-ewwel kawza, ossia fi kliemhom parti minnhom fejn fl-ewwel kawza giet miltuba l-proprjeta' bil-benefikati filwaqt li permezz tal-kawza odjerna skont huma qed jigu mitluba effettivament l-istess benefikati.

Fir-rigward tal-eccezzjoni ta' ***selecta una via non datur recursus ad alteram*** il-konvenuti jsostnu li gialadarba l-awtrici tal-attur ghazlet li tiftah kawza biex jigi assenjat lilha l-post li allegatament inbena a spejjez taghha, issa l-attur ma jistax imur fid-direzzjoni opposta u jghid li l-post mhux tal-awtrici tieghu u jitlob l-ispejjez. Il-konvenuti jsostnu li dan il-principju xorta wahda ghandu japplika nonostante dak li jinghad mill-Qorti fid-decizjoni precedenti bejn il-partijiet u cioe' li d-decizjoni kienet qed tinghata 'salv u impregudikat pero' kwalunkwe dritt talvolta spettanti lilha sabiex tirkupra dak li hu dovut minghand il-konvenuti.' In sostenn ta' dan il-konvenuti jikkwotaw gurisprudenza li izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma tapplikax ghall-kaz odjern stante li l-kaz odjern la huwa kaz ta' appell li ma tkompliex u nfethet kawza ohra u wisq anqas huwa kaz fejn giet mibdula l-linja difensjonali fil-mori tal-istess kawza.

Fis-sottomissjonijiet tieghu l-attur jaqbel mal-konvenut li fil-kaz tar-'res judicata' t-tliet elementi li jridu jigu sodisfatti ghall-proponiment b'success tal-eccezzjoni tal-gudikat huma (1) *eadem personae* (l-istess persuni), (2) *eadem res* (l-istess oggett); (3) *eadem causa petendi* (l-istess causa.

L-attur jikkwota l-kawza fl-ismijiet **Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Ltd** (Deciza mil-Qorti Civili (Prim'Awla) nhar id-9 ta' Jannar 2002) fejn inghata spjegazzjoni tat-tieni principju tal-*eadem res* u cioe' t-talbiet fil-kawza kif isegwi:

"dan l-element jirrigwarda l-fatt li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida jkun identiku ghal talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-fatt li sentenza ssir gudikat ma jimpedixxix li tigi proposta talba gdida, dment li dik it-talba tkun intiza sabiex tottjeni xi haga differenti minn dak li kien intalab fil-procediment precedenti li kien deciz b'mod definittiv. [...] Mit-tifsira li taghti d-dottrina dwar kif ghandha tigi determinata l-identita' tal-oggett jidher illi l-ahjar mod huwa illi l-Qorti tezamina jekk il-kwestjoni sollevata fil-procediment il-gdid kinitx deciza jew le fis-sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. [...] Jekk jirrizulta li l-kwestjoni tkun giet trattata u deciza, allura jkun hemm l-identita' tal-oggett."

Ghar-rigward l-element ta' *eadem causa petendi*, dik il-Qorti sostniet li:

"Dan ir-rekwizit jirrikjedi li l-causa fit-talba l-gdida tkun l-istess bhat-talba li diga' giet deciza b'mod definittiv. Il-*causa petendi* hija titolu li fuqu t-talba tkun ibbazata, u cioe' l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz ikun ibbazat. Sabiex tirrizulta l-eadem causa petendi", irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba li tkun giet determinata bis-sentenza li tkun ghaddiet in gudikat."

Finalment l-element tal-*eadem personae* evidentement jirrikjedi l-prezenza tal-istess persuni in gudizzju.

L-attur isostni, b'referenza ghall-kawza bejn l-istess partijiet bin-numru 136/1999 li ghalkemm mhux kontestat li l-partijiet fil-kawza 136/1999 u dik odjerna huma l-istess partijiet (*eadem personae*), mhux l-istess jista' jinghad ghaz-zewg elementi l-ohra. Skont l-attur l-oggett tal-kawza precedenti (*eadem res*) kien li jigi dikjarat null il-kuntratt ta' donazzjoni li sar bejn il-konjugi Sciberras u binhom Franco Sciberras. L-istess kawza kellha wkoll l-ghan li tinghata effett lill-iskrittura li kienet giet konkluża bejn Mary Jane Sciberras min-naha u John Mary u Grace Sciberras min-naha l-ohra u dan billi jigi ppubblikat l-att pubbliku ta' trasferiment tal-fond numru 51, Triq in-Naggara, Xewkija, Ghawdex a favur tal-istess Mary Jane Sciberras. Fil-kaz odjern l-attur isostni li t-talba hija ghar-rifuzjoni tal-ispejjez li harget Mary Jane Sciberras sabiex seta' sar l-izvilupp fuq l-art kif wkoll sabiex jigi stabbilit l-arrikkiment indebitu li sar a skapitu taghha, liema arrikkiment jikkonsisti fid-differenza bejn il-valur tal-art originali u l-valur tal-izvilupp komplet u dan wara li jitnaqqsu l-ispejjez minfuqa f'benefikati minn Mary Jane Sciberras.

Fir-rigward tar-rekwizit tal-*eadem causa petendi* l-attur isostni li l-fatt guridiku li fuqu kienet ibbazata t-talba fil-kawza precedenti kienet l-iskrittura tas-19 ta' Gunju, 1997 fejn jirrizulta li permezz tad-decizjoni precedenti din l-iskrittura giet dikjarata li kienet minghajr effett legali in kwantu tirrigwarda t-trasferiment tal-immobbli stante li mhux registrata skont il-ligi. Min-naha l-ohra l-attur isostni li l-*eadem causa petendi* li fuqhom hija bazata l-kawza odjerna huwa l-fatt li Mary Jane Sciberras kienet harget flus ghan-nom u fl-interess tal-konjugi Sciberras kif sewwa sew iddikjaraw u rrikonoxxew l-istess konjugi Sciberras u l-arrikiment ingust li ghamlu l-intimati a skapitu tal-istess Mary Jane Sciberras u s-successuri taghha fit-titolu.

Ikkunsidrat ulterjorment illi dwar l-elementi tar-Res Judicata u l-applikazzjoni taghhom fil-kawza fl-ismijiet '**Gatt et vs Gatt et u Joseph Portelli vs Joseph Stellini et'** (Deciza minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-28 ta' Ottubru 2011) kif ukoll abbilment kwotata mill-attur jinghad illi:

"It-tliet elementi huma kumulattivi mhux alternattivi u ghalhekk iridu jissussistu t-tlieta sabiex jista' jinghad li hemm res judicata. Il-mankanza ta' mqar wiehed mit-tlieta huwa pregudizzjali biex ikun hemm res judicata. Fin-nuqqas li jikkonkorru t-tliet elementi, ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*)."

Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-principji suesposti kif applikati b'mod miftuh u legger hafna da parti tal-konvenuti tant illi l-konvenuti jsostnu li dawn l-elementi ghandhom jinkludu dak li messu jew seta' jigi mqajjem fil-kawza precedenti. Minn naha l-ohra l-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-attur li evidententement ghalkemm il-partijiet f'din il-kawza huma l-istess, it-talbiet kontenuti fil-kawza odjerna huma kompletament differenti minn dawk kontenuti fil-kawza precedenti filwaqt li l-bazi guridika tal-kawza odjerna llum m'ghadhiex l-iskrittura tad-19 ta' Gunju, 1997 (kif kienet fil-kawza precedenti) izda l-irkupru tal-flus dovuti lill-awtrici tal-attur u llum lill-attur. Ghalhekk din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li zewg elementi minn tlieta neccessarji sabiex tkun tista' tigi mqajjma b'success l-eccezzjoni tar-*res judicata* f'din il-kaz huma nieqsa u ghal dawn ir-ragunijiet l-eccezzjoni tar-*res judicata* ser tigi michuda.

Illi dwar l-eccezzjoni ta' **selecta una via non datur recursus ad alteram** l-attur isostni li l-azzjoni odjerna hija 'azzjoni sussidjarja li tiskaturixxi u li

hija rizultat dirett tad-decizjoni tal-Ewwel Qorti hekk kif konfermata mill-Qorti tal-Appell. Hija l-uniku rimedju naturali li baqalu l-attur qua eredi universali ta' ohtu biex b'xi mod jipprova jigbor il-flus li harget ohtu u sabiex huwa ghan-nom ta' ohtu jinghata kumpens ghall-arrikiment li sar da parti tal-intimati a skapitu taghha. B'hekk tal-anqas tkun saret gustizzja u l-intimati ma jkunux staghnew kapriccosament minn fuq dahar ohthom stess'.

Wara li din il-Qorti gharblet ferm l-ewwel decizjoni bejn il-partijiet tqis li l-argument tal-attur jisthoqq li jinghata favur. L-eccezzjoni tal-konvenuti tinjora kompletament il-konkluzjoni tal-Qorti precedenti u r-riserva kontenuta fl-istess ghalhekk certament li din l-eccezzjoni ta' **selecta una via non datur recursus ad alteram** ma ssib l-ebda applikazzjoni ghall-fatti tal-kaz odjern u ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti tichad l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

**<u>It-tieni eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' relazzjoni guridika tal-konvenut Franco Sciberras:</u>**

Illi l-konvenuti fl-eccezzjoni taghhom jsostnu li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika mal-attur u ghaldaqstant Franco Sciberras ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju. Dwar din l-eccezzjoni l-konvenuti sostnew kif isegwi:

'Franco Sciberras m'ghandu x'jaqsam xejn mal-attur; certament ghal dak li huwa arrikkiment ingust: hawnhekk ir-relazzjoni mhix bejn sid u pussessur imma bejn benefikant u beneficjat. Franco Sciberras m'huwiex benefikat' se mai dawn jistghu jkunu l-konvenuti l-ohrajn cjoe' l-genituri tieghu li kienu huma li gawdew mill-benefikati (dato no concesso maghmulin mill-attrici a spejjez taghha) qabel iddonawh lil binhom. Rigward azzjonijiet ohrajn li talvolta qeghdha tippromwovi l-attrici, huwa jirriserva l-posizzjoni tieghu, ghax x'inhuma ma jafx sewwa sew.'

L-attur min-naha tieghu fir-rigward ta' din l-eccezzjoni jikkwota l-gurisprudenza li ssegwi:

'**Aceline Entertainment Ltd vs Executive Services Ltd**.' (deciza mill-

Qorti tal-Magistrati nhar il-15 ta' Jannar, 2015) fejn f'dik s-sentenza saret riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma et vs Emanuel Grixti'** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede inferjuri) nhar l-19 ta' Jannar, 2007 kif isegwi:

"b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt li jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesa'."

Fil-kawza fl-ismijiet 'E**. Grech Cristal Bath Limited vs Rainbow Turnkey Limited et'** (deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-8 ta' Lulju 2015 ), fejn dik il-Qorti ghamlet referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza nhar 5 t'Ottubru 2001 inghad kif isegwi:

"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontraddittrici tal-parti l-ohra, il-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kinitx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti."

Il-konvenut ikompli billi fir-rigward ta' din l-eccezzjoni jissottometti kif isegwi:

'Fir-rikors guramentat odjern qieghed jigi mitlub li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li bl-ispejjez erogati minn Mary Jane Sciberras l-art li fuqha sar l-izvilupp awmentat fil-valur taghha u dan b'konsegwenza diretta tal-izvilupp li sar fuqha. Qeghdha tintalab wkoll dikjarazzjoni fis-sens li dan l-arrikiment indebitu jikkonsisti fid-differenza bejn il-valur tal-art originali u l-valur tal-izvilupp komplet, wara li jitnaqqsu l-ispejjez minfuqa minn Mary Jane Sciberras fil-benefikati u li konsegwentement jigi likwidat u mhallas il-valur ta' dan l-arrikiment. Mill-atti johrog bic-car – u dan il-fatt assolutament mhux kontestat – li Franco Sciberras huwa s-sid attwali tal-post bin-numru 51, Triq in- Naggara, Xewkija, Ghawdex. Dan huwa wkoll konfermat mill-kuntratt markat Dokument E anness mar-rikors guramentat. La darba Franco Sciberras huwa s-sid attwali tal-post, huwa l-persuna li attwalment qeghdha tgawdi mill-fond

li nbena bi spejjez u b'gharaq Mary Jane Sciberras. Isegwi ghalhekk li Franco Sciberras huwa benefikat ta' dan l-arrikiment ghax fl-ahhar mill-ahhar huwa qieghed igawdi u qieghed fil-pussess ta' art li giet zviluppata bi spejjez haddiehor. Allura ma jistax jitqies li huwa estraneju ghall-pendenza ta' bejn il-partijiet. Jekk jiddeciedi li jbiegh jew b'xi mod iehor jinnegozzja l-izvilupp li sar fuq l-art bi flus Mary Jane Sciberras, huwa sejjer ikun il-persuna li fl-ahhar mill-ahhar sejjer igawdi minn tali rikavat. Altru ghalhekk li mhux persuna estraneja ghar-rapport ezistenti bejn il-partijiet.'

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti b'referenza ghas-sottomissjonijeit tal-konvenuti dwar l-allegata konfuzjoni u ncertezza fir-rikors guramentat, din il-Qorti hija tal-fehma li din il-konfuzjoni hija biss f'mohh il-konvenuti u ma tirrizultax mill-atti u dan kif ser jigi espost aktar 'il isfel fit-trattazzjoni tal-eccezzjoni de quo ghalhekk ma tistax titqajjem bhala skuza sabiex b'xi mod il-konvenuti jirriservaw ghalihom xi dritt li jipprezentaw xi eccezzjonijiet ulterjuri f'dan l-istadju jew fi stadju aktar ahhari tal-kawza.

Illi fil-mertu tal-eccezzjoni din il-Qorti taqbel kompletament mas-sottomissjonijiet tal-attur li l-konvenut Franco Sciberras bhala l-persuna li effettivament qed tgawdi mill-fond in kwistjoni bil-benefikati kollha li saru allegatament bi flus l-awtrici tal-attur u bhala l-persuna li huwa biss ghandu l-poter fil-ligi li jitrasferixxi u jiddisponi mill-istess fond wara li huwa gie fil-pussess tieghu sahansitra b'donazzjoni minghand il-genituri tieghu, certament ghandu jkun hu wkoll li jirrispondi ghall-pretensjonijiet tal-attur kif dedotti fir-rikors guramentat. Ghalhekk din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-konvenut Franco Sciberras huwa wkoll legittimu kontradittur kif trid il-ligi f'dawn il-proceduri u ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**<u>Ir-raba' eccezzjoni dwar in-nullita' tal-azzjoni attrici stante li t-talbiet fir-rikors guramentat huma konfuzi:</u>**

Illi l-Qorti rat is-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet dwar din l-eccezzjoni izda wara li rat ir-rikors guramentat ma tqisx li ghandha titlef wisq hin fuq din l-eccezzjoni. Jirrizulta lil din il-Qorti li l-premessi u t-talbiet attrici mhux talli mhux konfuzi anzi huma mfassla b'mod car hafna u

mqassma b'mod separat b'tali mod li ebda wahda mit-talbiet ma' tidhol fuq l-ohra anzi kull talba tiehu kont tat-talba precedenti u se mai fejn hemm bzonn wahda hija konsegwenti ghall-ohra. Ghalhekk il-Qorti ma tara l-ebda konfuzjoni fit-talbiet attrici filwaqt li se mai il-Qorti tista' targumenta li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nghataw b'mod sporadiku u bla konsistenza daqs li kieku kienet qed issir nota ta' sottomissjonijiet u mhux risposta b'tali mod li ghamluha difficli li wiehed jiddecifra ezatt fejn tibda eccezzjoni u tispicca ohra. Il-Qorti tinnota li ghalkemm dan certament mhux ser jaffettwa l-gudizzju ta' din il-Qorti fil-kaz odjern, il-Qorti ma tistax ma tikkummentax li risposta fl-ahjar interess tal-konvenuti stess ma ghandhiex issir b'dan il-mod. Il-kummenti u r-referenzi ghandhom jinghataw fin-noti ta' sottomissjonijiet u mhux fir-risposta li hija ntiza sabiex tindika r-risposti/eccezzjonijiet tal-konvenut b'mod skjett u car minghajr il-bzonn ta' dilungar, referenzi u sottomissjonijiet zejda li facilment jistghu jsiru wara.

In oltre l-Qorti tiddikjara li f'dan l-istadju l-fatt li l-Qorti ser tiddikjara li ma tezisti l-ebda konfuzjoni bejn it-talbiet anzi tqis li dawn gew abbilment impustati mid-difensur tal-attur in vista tac-cirkustanzi prezentati lilu, dan ma jfissirx neccessarjament li t-talbiet tal-attur fil-mertu huma gustifikati izda biss li ma hemm l-ebda konfuzjoni bejniethom. Is-success o meno legali tal-istess talbiet jew uhud minnhom jigi deciz wara li jitressqu l-provi tal-partijiet fuq il-mertu.

Ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti qed tichad ukoll ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjez kontra taghhom.

**Id-disa' eccezzjoni li l-azzjoni tal-attur hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u cioe' bil-perjodu ta' hames snin:**

Illi l-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

'2156. L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames snin:

(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa' skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.'

Illi f'dan ir-rigward il-konvenuti fis-sottomissjonijiet taghhom fl-ewwel lok jergghu jesprimu l-konfuzjoni taghhom fl-interpretazzjoni tar-rikors

guramentat u t-talbiet tal-attur u jsostnu li l-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 15 japplika f'kaz li l-kawza attrici hija dik ta' *'acio de in rem verso'* u mhux xi azzjoni ohra. Isostnu in oltre li l-ewwel kawza ma mpedietx il-bidu tad-dekorriment tat-terminu tal-preskrizzjoni ghaliex skont huma fl-ebda hin fl-atti ta' dik il-kawza, lanqas fl-ittra ufficcjali notifikata lilhom ma saru l-pretensonijiet prezenti llum fir-rikors odjern. Isostnu wkoll li ma kien hemm xejn iwaqqaf lill-attur (jew l-awtrici tieghu) milli tippriserva d-drittijiet taghha billi tinterrompi l-preskrizzjoni pendenti l-proceduri l-ohra li kien hemm pendenti. Isostnu finalment li dan mhux kaz fejn id-dritt tal-attur kien ghadu ma twelditx pendenti l-kawza l-ohra, izda kaz fejn l-awtrici tal-attur tilfet il-kawza stante li l-pretensjonijiet taghha gew michuda u li skont huma ma gie ddikjarat l-ebda dritt favur taghha li kien pre-ordinat ghad-dritt dedott fil-kawza precedenti.

L-attur da parti tieghu b'risposta ghal din l-eccezzjoni jsostni kif isegwi:

'Kif sewwa sew jghidu l-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, "terminu preskrittiv ma jibdiex miexi meta jkun hemm impediment legali (mhux fattwali) kontra l-ezercizzju tad-dritt. Ma jistax ikun hemm preskrizzjoni meta d-dritt ikun ghadu ma twelidx – *contra non valentem agree non currit praescriptio."* Id-dritt li Mary Jane Sciberras tfittex ghall-ispejjez li hija harget kif wkoll ghall-arrikiment li sar a skapitu taghha twieled biss la darba kien hemm ezitu finali ghall-kawza 136/1999. Hija ma setghetx titlob ghall-kumpens ta' dawn l-ispejjez jew tipprospetta sitwazzjoni ta' arrikiment ingust meta hija kienet ghadha fl-istadju li qeghdha tipprova li taghti effett lill-ftehim li kien sar sabiex il-proprjeta' immobbli tghaddi fuq isimha. Kien biss meta l-Qorti iddecidiet li l-iskrittura tas-19 ta' Gunju 1997 ma kellha l-ebda effett biex tigi trasferita l-proprjeta' (minhabba n-nuqqas tar-registrazzjoni tal-ftehim mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni) li mbaghad twieled id-dritt li Mary Jane Sciberras tfittex li tirkupra dak li hu dovut lilha mill-intimati. Fi kliem iehor l-azzjonijiet proposti fil-kawza odjerna kienu jiddependu mill-ezitu tal-kawza precendenti. Kif jghid il-**Fadda** ikkwotat mill-intimati fin-nota taghhom: *"se l'esercizio di un' azione dipende dall' esito di un giudizio nel quale si contrasta il presupposto del diritto medesimo, la pendenza di questo diritto costituisce legale impedimento all'esercizio del diritto e sospende la prescrizione."'*

Ghaldaqstant isostni l-attur kwalunkwe terminu preskrittiv seta' biss jitqies li beda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell u cioe' mid-data tal-31 ta' Jannar 2014 u mhux qabel. L-attur jaghmel

referenza ghall-ittra ufficjali prezentata minnu fil-konfront tal-konvenuti datata fl-24 ta' Frar 2014 u l-kawza odjerna li giet prezentata fil-15 ta' Jannar 2015 u jsostni ghalhekk li huwa ezercita' d-drittijiet tieghu entro t-terminu utili ta' hames snin.

Din il-Qorti taqbel bis-shih mal-insenjament ta' **Fadda** kkwotat b'approvazzjoni miz-zewg partijiet. F'dan il-kaz jirrizulta car li l-awtrici tal-attur qatt ma kienet f'posizzjoni li tippretendi hlas ta' ammonti dovuti lilha qabel il-konkluzjoni tal-kawza precedenti fejn hija kienet qed tippretendi li tigi trasferita l-art in kwistjoni u xejn aktar. Li kieku l-awtrici tal-attur ressqet dawn il-pretensjonijiet fil-konfront tal-konvenuti qabel giet deciza l-kawza bin-numru 136/1999 finalment fl-istadju tal-appell nhar il-31 ta' Jannar, 2014 dan kien jintuza kontra taghha a skapitu tad-drittijiet li hija kienet qed tvanta fl-istess kawza. In oltre ghandu jinghad li l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat id-decizjoni kollha tal-ewwel Qorti minghajr ebda riservi nkluz dik il-parti fejn jinghad 'id-dritt talvolta spettanti lilha sabiex tirkupra dak li hu dovut minghand il-konvenuti.' Ghalhekk il-Qorti tqis li l-perjodu preskrittiv sabiex tigi prezentata l-kawza odjerna beda ghaddej nhar il-31 ta' Jannar, 2014 meta nghatat id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell. Jirrizulta ghalhekk li l-pretensjonijiet attrici mhumiex preskritti skont il-ligi u ghaldaqstant id-disa' eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi wkoll michuda bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**<u>It-tmien eccezzjoni dwar l-allegata Causa Illecita</u>**

Jirrizulta lil din il-Qorti li ghalkemm fil-verbal ma kien hemm l-ebda ftehim li tigi deciza it-tmien eccezzjoni dwar l-allegata causa llecita, l-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom ukoll dwar dan il-punt fis-sottomissjonijiet. Il-Qorti tqis li proceduralment ma jkunx korrett li hija tghaddi sabiex taghti decizjoni fuq din l-eccezzjoni la darba ma kienx dikjarat li kien ser isir hekk. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti tqis li ghandha tisma' l-provi fuq il-mertu qabel ma tghaddi ghal decizjoni dwar dan il-punt b'dana li fis-sentenza finali jigi decizi fl-ewwel lok dan il-punt qabel ma' l-Qorti tghaddi sabiex tippronunzja ruhha fuq il-mertu.

**Decizjoni:**

Ghar-ragunijiet suesposti, i-Qorti tichad l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u d-disa' eccezzjoni tal-konvenuti stante li mhux legalment fondati u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kontra l-konvenuti

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur